**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 25 ta` Frar 2021**

**Kawza Nru. 9**
**Rikors Nru. 22/2020 JZM**

**Michele Peresso Limited [C 6469]**

***kontra***

**De Tigne Limited [C 14859]**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors li kien prezentat fl-20 ta` Lulju 2020 li jaqra hekk :–

*1. Premess illi s-socjeta` rikorrenti hija kreditrici tas-socjeta` intimata, u dana wara li giet kanonizzata kreditrici tas-socjeta` De Tigne Limited fl-ammont ta` €211,978.80 permezz ta` sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-ismijiet Michele Peresso Limited vs De Tigne Limited ed deciza fit-18 ta` Novembru 2019, liema sentenza ghaddiet in gudikat;*

*2. U billi in ezekuzzjoni tad-drittijiet taghhom is-socjetajiet rikorrenti harget Mandat ta` Sekwestru ezekuttiv numru 27/2020 fl-ismijiet : Michele Peresso Limited v De Tigne Limited fit-8 ta` Jannar 2020;*

*3. U billi qabel dan il-mandat l-esponenti kien interpella lis-socjeta` intimata sabiex teffettwa l-hlas diversi drabi;*

*4. U billi dan is-sekwestru kien ineffettiv billi ma gie depositat l-ebda ammont fil-Qorti u ma thallas xejn lil rikorrenti;*

*5. U billi n-negozju tas-socjeta` intimati kienet li tissulloka spazju kummercjali lil diversi hwienet, dan l-ispazju ma kienx proprjetà tas-socjeta` attrici izda kien mikri, u ma jidhirx li l-intimata ghadha qed topera;*

*6. U billi ghalhekk is-socjeta` hija fi stat insolventi u mhix kapaci li thallas id-djun taghha;*

*7. U billi kumpannija tista` xxolji u tkun stralcjata mill-qorti fejn ma tkunx tista` thallas id-djun taghha a tenur tal-Art 214(2)(a)(ii) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*8. U billi fi kwalsiasi kaz hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpannija a tenur tal-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*Ghaldaqstant in vista tas-suespost ir-rikorrenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni ohra xierqa u opportuna, joghgobha :*

*1. Tiddikjara illi l–kumpannija m`hijiex kapaci thallas id-djun taghha ghal finijiet tal-Art 214(2)(a)(ii) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*2. Tiddikjara illi n-negozju tal–kumpanija huwa sospiz ghal perijodu bla waqfien ta` erbgha u ghoxrin xahar.*

*3. Tiddikjara illi jezistu ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpannija a tenur tal-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*4. Tordna l-istralc mill-Qorti tas-socjeta` intimata skont id-dispozizzjonijiet tas-Sub-Titolu I tat-Titolu II tat-Taqsima V tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta).*

*5. Tordna illi s-socjeta` intimata De Tigne Limited tigi xolta u konsegwentement stralcjata minn dina l-Onorabbli Qorti abbazi tal-Art. 214(2)(a)(i) u/jew l-Art. 214(2)(a)(ii) u/jew l-art. 214(2)(b)(iii) u dan a tenur tal-Art 218(1) tal-Att Dwar il-Kumpanniji.*

*6. Tordna li sakemm tinghata decizjoni finali jigi appuntat amministratur provvizorju sabiex jiehu hsieb l-amministrazzjoni tal-istess socjeta` rikorrenti.*

*7. Taghti kull provvediment li jidhrilha xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata.*

Rat ir-risposta li pprezentat l-intimata fit-3 ta` Settembru 2020 (u l-kontenut taghha kien konfermat bil-gurament minn John B. Sammut) li taqra hekk :-

*1. Illi r-rikors pprezentat mis-socjeta` rikorrenti attrici huwa rritu, null u proceduralment inproponibbli u ghandu ghalhekk jigi dikjarat tali, bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti u dan kawza tal-indeterminatezza tal-oggett tat-talba u mankanza ta` korrelazzjoni bejn it-talbiet kumulattivament proposti u bejn il-fatti relattivi ghall-pluralita tal-atti guridici kontestati. Fil-kaz ta` proposizioni ta` plurailta` ta` talbiet kemm jekk alternattivi ghal xulxin u kemm jekk subordinati ghal xulxin, l-omissjoni tal-causa petendi relattiva ghal kull wahda mit-talbiet mressqa mis-socjeta` rikorrenti iggib maghha n-nullita tal-azzjoni promossa, kawza tal-incertezza tal-oggett tal-kawza tenut kont tal-pluralita tal-possibilitajiet pprezentati u l-ipotesi ta` rwol attiv u selettiv inammissibli tal-gudikant.*

*2. Minghajr pregudizzju tas-suespost is-socjeta` rikorrenti ghandha tipprova il-fatti minnha allegati u li jistghu talvolta jiddeterminaw ix-xoljiment rikjest minnha u ghandha ukoll tipprova l-htiega ghall-hatra ta` amministratur provizzorju specjalment tenut kont tal-istess allegazzjonijiet maghmula minnha fir-rikors promotur taghha.*

*3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat illi ghalkemm fl-udjenza tal-kawza tas-16 ta` Novembru 2020 il-partijiet inghataw direzzjoni sabiex iressqu provi dwar l-assjem tal-azzjoni bil-ghan li jinghata mbaghad provvediment kemm dwar il-mertu kif ukoll dwar il-proponibilita` tal-azzjoni, fl-udjenza tal-11 ta` Frar 2021 saret talba mill-intimati (li l-qorti laqghet) sabiex tigi trattata l-ewwel eccezzjoni taghhom peress li tolqot il-qofol tal-azzjoni.

Semghet sottomissjonijiet mill-avukati tal-partijiet fl-udjenza tal-11 ta` Frar 2021.

Rat illi l-kawza thalliet ghal provvediment ghal-lum dwar l-ewwel eccezzjoni.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Konsiderazzjonijiet

Fil-kors tat-trattazzjoni tal-ewwel eccezzjoni, l-intimati rrilevaw li l-eccezzjoni taghhom kif dedotta issib sostenn fl-**Art 789(1)(c) tal-Kap 12**.

L-eccezzjoni tan-nullita` ta` atti gudizzjarji hija regolata bl-**Art 789 tal-Kap 12** li jghid hekk :

*(1) L-eccezzjoni ta` nullità tal-atti gudizzjarji tista` tinghata –*

*(a) jekk in-nullità hija ddikjarata mil-ligi espressament ;*

*(b) jekk l-att jinhareg minn qorti mhux kompetenti ;*

***(c)   jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta` nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullità, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort`ohra hlief billi l-att jigi annullat ;***

*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament mehtiega mil-ligi :*

***Izda dik l-eccezzjoni ta` nullità kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c), u (d) ma tkunx tista` tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi.***

***(2)   L-eccezzjoni ta` nullità ta` att, taht is-subartikolu (1)(c), ma tistax tinghata, meta l-parti li taghtiha tkun baqghat taghmel jew, ghad li tkun taf biha, tkun halliet li jibqghu jsiru atti ohra wara, minghajr ma teccepixxi dik in-nullità.***

Fis-sentenza li tat il-Prim`Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta` Marzu 2003 fil-kawza fl-ismijiet "**K.B. Real Estate Limited v. Silvio Felice Limited**" inghad hekk :–

*... il-ligi ma tinsistix fuq formola preciza jew kliem partikolari, u sakemm it-talba tkun tista` tiftiehem, ma jimputax jekk il-kawzali tkunx imfissra b`mod xott jew sahansitra mifhuma jew implikata mit-talba nnfisha*

*...*

*fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni ghall-ahhar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innfishom, il-qrati ghandhom iqisu b`cirkospezzjoni eccezzjoni ta` nullita` ta` att gudizzjarju.  Biex att ta` citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validita` huwa bizzejjed li t-talba tkun mfassala b`mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta` min harrikha u li tali tifsila ma tkunx ta` hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur*

*...*

*jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawza ma jgibx pregudizzju serju lill-parti mharrka, allura l-procedura tkun tista` tigi salvata basta dan ma jaffettwax is-sustanza tal-azzjoni jew l-eccezzjonijiet ...*

[ara wkoll : Prim`Awla tal-Qorti Civili : 25 ta` Frar 2016 : "**Theresa Chetcuti et v. Maria Carmela Warrington et**"  (u l-gurisprudenza hemm

citata) ; Prim`Awla tal-Qorti Civili : 30 ta` Mejju 2015 : "**<u>Paul Bonello et v. Ramel u Zrar Limited et</u>**" (u l-gurisprudenza hemm citata)]

**Ix-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali ta` kumpanniji huwa regolat fit-Titolu II tal-Kap 386 mill-Art 214 sal-Art 326. Stralc mill-qorti huwa regolat fit-Sub-titolu I mill-Art 218 sa 264. L-Art 218 jistabilixxi min ghandu *locus standi* sabiex jipprezenta rikors ghax-xoljiment u l-istralc ta` kumpannija, billi tirreferi ghall-Art 214 fejn il-ligi tistabilixxi s-sitwazzjonijiet kollha sabiex kumpannija tkun tista` xjolta u stralcjata mill-qorti. Fil-kaz odjern, ir-rikorrenti qeghda tghid li l-intimata ghandha tkun xjolta u stralcjata abbazi tal-<u>Art 214(2)(a)(i), tal-Art 214(2)(a)(ii) u tal-Art 214(2)(b)(iii)</u>.**

Waqt it-trattazzjoni tal-ewwel eccezzjoni, inghad *inter alia* li r-rikorrenti ma tistax tipproponi l-azzjoni fuq diversi disposizzjonijiet tad-dritt izda ghandha taghmel l-ghazla taghha mill-bidu sabiex tassikura certezza fl-azzjoni li tkun promossa.

Dan l-argument iwassal sabiex il-qorti tqis il-kwistjoni tal-kumulu tal-azzjonijiet. Il-qorti tirreferi ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fid-29 ta` Ottubru 1999 fil-kawza **<u>Mary Bezzina et v. Joseph Vella et</u>**, fejn ghamlet tliet kondizzjonijiet sabiex jigi permess il-kumulu tal-azzjonijiet : a) Illi l-procedura tkun utili ghall-ekonomija tal-gudizzju ; b) Illi l-persuni kollha interessati jkunu partijiet, taht vesti jew ohra, fil-gudizzju ; c) Illi ma jkun hemm ebda pregudizzju ghall-konvenut [ara wkoll : Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri : 23 ta` Mejju 2013 : **<u>Robert Camilleri v. PXB Developments Limited et</u>**] Il-principju applikat mill-qrati taghna huwa li fejn ma jkunx hemm kawzali jew talbiet kontradittorji, ma jkunx hemm nullita` tal-att. Is-sanzjoni estrema tan-nullita` ghandha tigi applikata <u>biss</u> meta jkun hemm kontradittorjeta` <u>mhux</u> meta jkun hemm kumulu ta` azzjonijiet.

Riferibbilment ghall-kaz odjern, il-qorti ma tirriskontra ebda konfuzjoni legali bil-fatt li l-azzjoni qeghda tkun impostata fuq it-tliet disposizzjonijiet citati mir-rikorrenti. Jekk issir il-prova tar-rekwiziti tal-Art 214(2)(a)(i), il-qorti ghandha diskrezzjoni tghaddix ghax-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija. L-istess ighodd jekk issir il-prova tar-rekwiziti tal-Art 214(2)(a)(ii) li jrid jinqara flimkien mal-Art 214(5). Il-prova tar-rekwiziti taz-zewg disposizzjonijiet tista` twassal ghal dikjarazzjoni ta` xoljiment u stralc skont l-Art 214(2)(b)(iii) jekk il-qorti ssib li kien hemm ragunijiet gravi bizzejjed, f`liema kaz id-diskrezzjoni taghha tintemm ghaliex f`dak il-kaz ix-xoljiment u l-istralc ikunu mandatorji.

Premessi dawn il-konsiderazzjonijiet ta` dritt, il-qorti tirrileva li fil-kaz tal-lum jirrizulta n-ness bejn il-kawzali u t-talbiet. Ghal kull kawzali skont kull wahda mit-tliet disposizzjonijiet li fuqhom qeghda tistrieh ir-rikorrenti hemm talba marbuta maghha. Fl-assjem tieghu, ir-rikors promotur ghandu l-elementi formali kollha sabiex l-azzjoni tar-rikorrenti tista` tigi tipprocedi u tigi ppruvata fil-mertu, minghajr ebda pregudizzju ghall-intimata, li ghandha ghad-disposizzjoni taghha l-mezzi kollha sabiex tikkontesta punt punt il-kawzali tar-rikorrenti li fuqhom issawru t-talbiet. Fi kwalunkwe kaz, ghandu jinghad li l-interess tal-gustizzja jkun generalment moqdi biss b`decizjoni fuq il-punti sostantiv tal-kawza. Ir-regoli tal-procedura qeghdin hemm primarjament sabiex id-dritt sostantiv jista` jitressaq ahjar u bis-sens. Id-dritt ghall-gustizzja ma ghandux jippermetti li r-regoli tal-procedura jiehdu s-sovravvent, b`interpretazzjoni rigida u maghluqa, fuq id-dritt sostantiv b`mod li l-formalizmu jigi jiddetta t-twettieq tal-gustizzja skont il-ligi.

__**Provvediment**__

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimata, spejjez ghall-intimata. Tordna l-prosegwiment tal-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**